# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-13 ta' Diċembru 2011

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri

(2012/381/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 82(1)(d) u 87(2)(a), flimkien mal-Artikolu 218 (6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fit-2 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni mal-Awstralja dwar it-trasferiment u l-użu ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni tat-terroriżmu u ta' reati kriminali transnazzjonali serji oħra u għall-ġlieda kontrihom.

(2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/380/UE ([1]), il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri (il-"Ftehim") ġie ffirmat, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data ulterjuri.

(3) Dan il-Ftehim għandu jiġi konkluż.

(4) Il-Ftehim jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"), speċjalment id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-ħajja tal-familja, kif rikonoxxut fl-Artikolu 7 tal-Karta, id-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali, kif rikonoxxut fl-Artikolu 8 tal-Karta, u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali kif rikonoxxut fl-Artikolu 47 tal-Karta. Il-Ftehim għandu jiġi applikat f'konformità ma' dawk id-drittijiet u l-prinċipji.

(5) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawk l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) B'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-Pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u mhijiex marbuta bil-Ftehim jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja dwar l-ipproċessar u t-trasferiment ta' dejta tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) minn trasportaturi bl-ajru lis-Servizz Awstraljan tad-Dwana u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri (il-"Ftehim") huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna li jkollha s-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni, għall-iskambju tal-istrumenti ta' approvazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 29 tal-Ftehim, sabiex jesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tkun marbuta bil-Ftehim ([2]).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Diċembru 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. CICHOCKI

---

([1]) Ara l-paġna 2 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

([2]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.